MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 26/2011

**Mobisle Communications Limited**
**(C 24655)**

**vs**

**Eurolinx Limited**
**(C 40689)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-26 ta’ Jannar 2011 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ erba’ t’elef, seba’ mija u tlieta u hamsin Ewro, tmienja u disghin centezmu (€4,753.98) rapprezentanti servizz moghti lis-socjeta konvenuta, kont numru 1026531 li baqa ma thallasx

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-pprezentata ta’ l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta konvenuta permezz ta’ pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta’ Lulju 2012 (vide fol 27) kif ukoll permezz ta’ Affissjoni fit-13 ta’ Gunju 2012 (vide fol 28 tergo) u fil-gazzetta lokali Times of Malta fil-15 ta’ Gunju 2012 (vide fol 30).

Illi fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2012, gie ipprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 31), u l-kawza giet differita ghas-subizzjoni ghas-17 ta’ Settembru 2012.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Settembru 2012, rapprezentant tas-socjeta konvenuta gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta’ l-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ t’elef, seba mija u tlieta u hamsin Ewro, tmienja u disghin centezmu (€4,753.98) rapprezentanti servizz moghti lis-socjeta konvenuta, kont numru 1026531 li baqa ma thallasx.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi kif mitluba fl-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------